# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1212

## tat-22 ta' Lulju 2021

## li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/253 fir-rigward ta' twissijiet skattati minn theddid transkonfinali serju għas-saħħa u għat-traċċar tal-kuntatti ta' persuni esposti identifikati fil-kuntest tal-mili tal-Formoli tal-Lokalizzazzjoni tal-Passiġġieri

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/858 ([2]) emendat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/253 ([3]) billi stabbiliet infrastruttura teknika maħsuba biex tippermetti l-iskambju sigur, f'waqtu u effikaċi tad-*data* personali miġbura permezz ta' Formola tal-Lokalizzazzjoni tal-Passiġġieri ("PLF") bejn l-awtoritajiet kompetenti tas-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Rispons (l-"EWRS") tal-Istati Membri, imsejħa "l-pjattaforma ta' skambju għall-PLFs". Din l-infrastruttura teknika tippermetti t-trażmissjoni ta' informazzjoni mis-sistemi tal-PLFs diġitali nazzjonali eżistenti tal-Istati Membri lil awtoritajiet kompetenti oħra tal-EWRS b'mod interoperabbli u awtomatiku.

(2) Il-pjattaforma ta' skambju għall-PLFs tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti tal-EWRS tal-Istati Membri jiskambjaw settijiet definiti sew ta' *data* miġbura permezz tal-PLFs, għall-iskop uniku tat-traċċar tal-kuntatti tas-SARS-CoV-2 ta' persuni esposti minn dawk l-awtoritajiet. Tippermetti wkoll l-iskambju ta' *data* epidemjoloġika limitata meħtieġa għat-traċċar tal-kuntatti, f'konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tal-ipproċessar tad-*data* personali.

(3) Bħalissa d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/253 ma tippermettix l-iskambju ta' *data* personali ta' persuni li mlew PLF u li kienu f'kuntatt mill-qrib ([4]) ma' passiġġier infettat li wkoll mela PLF, minkejja li l-iskambju ta' din id-*data* huwa meħtieġ għal traċċar tal-kuntatti effikaċi wara l-identifikazzjoni ta' każ pożittiv tal-COVID-19, kif meħtieġ skont l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE.

(4) L-iskambju tad-*data* relatata ma' dawn il-persuni esposti huwa meħtieġ meta dawk il-persuni joqogħdu għal żmien limitat f'destinazzjoni partikolari, u bħala riżultat ta' dan, l-awtoritajiet kompetenti tal-EWRS tal-Istati Membri ta' dik id-destinazzjoni ma jkunux jistgħu jikkuntattjaw u jittestjaw dawk il-persuni matul is-soġġorn tagħhom. Dan l-iskambju tad-*data* huwa wkoll meħtieġ fejn l-awtoritajiet tal-EWRS tal-Istati Membri ta' residenza huma kompetenti biex jikkuntattjaw u jipprovdu aktar struzzjonijiet lill-persuni esposti. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, u dment li dawk il-persuni jkunu mlew ukoll il-PLFs, l-Istat Membru li jkun identifika passiġġier infettat u beda l-miżuri tat-traċċar tal-kuntatti, jenħtieġ li juża l-pjattaforma ta' skambju għall-PLFs biex jibgħat twissijiet lill-Istati Membri tat-tluq inizjali jew dak tal-aħħar jew lill-Istat Membru tar-residenza ta' dawk il-persuni esposti. Jenħtieġ li d-*data* personali li għandha tiġi skambjata f'dawn il-każijiet tkun limitata għal *data* ta' identifikazzjoni u ta' kuntatt.

([1]) ĠU L 293 5.11.2013, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/858 tas-27 ta' Mejju 2021 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/253 fir-rigward ta' twissijiet skattati minn theddid transfruntier serju għas-saħħa u għat-traċċar tal-kuntatti ta' passiġġieri identifikati permezz tal-Formoli tal-Lokalizzazzjoni tal-Passiġġieri (ĠU L 188, 28.5.2021, p. 106).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/253 tat-13 ta' Frar 2017 li tistabbilixxi l-proċeduri għan-notifika ta' twissijiet bħala parti tas-sistema ta' twissija bikrija u ta' reazzjoni stabbilita b'rabta mat-theddid transkonfinali serju għas-saħħa u għall-iskambju ta' informazzjoni, ta' konsultazzjoni u ta' koordinazzjoni ta' reazzjonijiet għal theddid bħal dan skont id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 37, 14.2.2017, p. 23).

([4]) Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard ("ECDC") ipprovda gwida dwar id-definizzjoni ta' kuntatt mill-qrib. Ara d-dokument tal-ECDC dwar "*Contact tracing: public health management of persons, including healthcare workers, who have had contact with COVID-19 cases in the European Union – third update*", datat it-18 ta' Novembru 2020.

(5) Sabiex jiġi żgurat li d-*data* personali relatata mal-passiġġieri infettati u d-*data* personali relatata mal-persuni esposti jkunu distinti b'mod ċar, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-EWRS jindikaw jekk id-*data* skambjata tkunx qed tirreferi għal passiġġier infettat jew għal persuna esposta.

(6) Jenħtieġ li l-iskambju tad-*data* personali ta' persuni esposti jkun soġġett għall-istess rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* personali, li japplikaw ukoll għall-iskambju tad-*data* personali tal-passiġġieri infettati.

(7) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-EWRS jikkondividu d-*data* li għandhom, fir-rigward tat-taqsimiet li għalihom l-Istati Membri jiġbru l-informazzjoni fil-PLFs tagħhom, jekk huwa meħtieġ biss biex jiġu identifikati l-persuni esposti. Jenħtieġ li jiġi ċċarat li ma hemm l-ebda obbligu fuq l-Istati Membri li jiġbru informazzjoni għat-taqsimiet kollha ta' vjaġġ.

(8) Is-sistemi nazzjonali tal-PLFs tal-Istati Membri jistgħu jkunu temporanjament indisponibbli f'ċerti sitwazzjonijiet, pereżempju, minħabba interruzzjonijiet tekniċi. F'dawk il-każijiet, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-EWRS, permezz tal-pjattaforma ta' skambju għall-PLFs, ikunu jistgħu jiskambjaw l-istess sett ta' *data* personali li tkun ġejja minn sorsi għajr dawk tal-PLFs nazzjonali tagħhom, jiġifieri mill-operaturi tat-trasport, mill-passiġġier infettat jew mill-persuni esposti. Jenħtieġ li l-ġbir tad-*data* personali minn dawn is-sorsi ikun ibbażat fuq il-liġi nazzjonali u jkun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]).

(9) Fl-Anness I, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/858 tiddefinixxi s-sett minimu ta' *data* tal-PLF li għandu jingħabar permezz tal-PLF nazzjonali, li huwa meħtieġ għat-traċċar tal-kuntatti transfruntiera effikaċi bbażat fuq id-*data* tal-PLF. Jenħtieġ li fl-Anness I jiġi ċċarat li l-post tat-tluq u tal-wasla, kif ukoll il-ħin tat-tluq, mhumiex meħtieġa peress li dik l-informazzjoni tista' tinkiseb min-numru ta' identifikazzjoni tal-mezzi tat-trasport, billi dik l-informazzjoni hija biżżejjed għall-fini tat-traċċar tal-kuntatti.

(10) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/253 tiġi emendata skont dan.

(11) F'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725, ġie kkonsultat il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* u ta l-opinjoni tiegħu fit-13 ta' Lulju 2021.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa stabbilit bl-Artikolu 18 tad-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/253 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2a(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Pjattaforma għall-iskambju sigur tad-*data* tal-PLF ta' passiġġieri infettati u ta' persuni esposti għall-iskop uniku ta' traċċar tal-kuntatti tas-SARS-CoV-2 ta' persuni esposti mill-awtoritajiet kompetenti tal-EWRS ("il-pjattaforma ta' skambju tal-PLF") hija stabbilita skont l-EWRS bħala komplement tal-funzjonalità ta' trażmissjoni selettiva tal-messaġġi li teżisti f'dik is-sistema.";

(2) l-Artikolu 2b huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. Meta jinnotifikaw twissija fil-pjattaforma ta' skambju tal-PLF, l-awtoritajiet kompetenti tal-EWRS tal-Istat Membru fejn jiġi identifikat il-passiġġier infettat għandhom jittrażmettu d-*data* tal-PLF li ġejja lill-awtoritajiet kompetenti tal-EWRS tal-Istat Membru tat-tluq inizjali jew tar-residenza tal-passiġġier infettat, meta l-post ta' residenza jkun differenti mill-post tat-tluq inizjali, jew lill-Istat Membru tal-aħħar tluq tal-passiġġier infettat, jekk l-Istat Membru jkun jeħtieġ biss il-mili ta' PLF għall-aħħar taqsima ta' vjaġġ:";

([5]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"1a. Permezz tal-pjattaforma ta' skambju għall-PLFs, l-awtoritajiet kompetenti tal-EWRS għandhom jittrażmettu d-*data*tal-PLF, imsemmija fil-paragrafu 1 ta' persuni esposti, lill-awtoritajiet kompetenti tal-EWRS tal-Istati Membri tat-tluq inizjali jew tar-residenza ta' dawk il-persuni, jew lill-Istat Membru tal-aħħar tluq tal-passiġġier infettat jekk l-Istat Membru jkun jeħtieġ biss il-mili ta' PLF għall-aħħar taqsima tal-vjaġġ, dment li din id-*data* tkun inġabret fil-kuntest tal-miżuri tat-traċċar tal-kuntatti li twettqu wara l-identifikazzjoni ta' passiġġier infettat għall-fini tat-traċċar tal-kuntatti.

1b L-awtoritajiet kompetenti tal-EWRS li jittrażmettu d-*data* msemmija fil-paragrafi 1 u 1a għandhom jindikaw jekk hux qed jirreferu għal passiġġier infettat jew għal persuna esposta.";

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-awtoritajiet kompetenti tal-EWRS tal-Istat Membru tat-tluq inizjali jew tal-aħħar tal-passiġġier infettat jew tal-persuna esposta jistgħu jittrażmettu d-*data* tal-PLF li jirċievu lil Stat Membru tat-tluq għajr dak iddikjarat fil-PLF bħala l-Istat Membru tat-tluq, meta jkollhom informazzjoni addizzjonali li tindika liema Stat Membru jeħtieġ li jwettaq it-traċċar tal-kuntatti.";

(d) il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(i) is-sentenza introduttorja tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Jekk ikun meħtieġ biex jiġu identifikati persuni esposti, meta jinnotifikaw twissija fil-pjattaforma ta' skambju tal-PLF, l-awtoritajiet kompetenti tal-EWRS tal-Istat Membru fejn jiġi identifikat il-passiġġier infettat għandhom jittrażmettu d-*data* tal-PLF li ġejja, fir-rigward ta' kull taqsima tal-vjaġġ ta' dak il-passiġġier, lill-awtoritajiet kompetenti tal-EWRS tal-Istati Membri kollha:";

(ii) il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) il-post tat-tluq ta' kull trasport ikkonċernat, dment li l-post ma jkunx jista' jiġi identifikat permezz tal-informazzjoni skont il-punt (e);

(b) il-post tal-wasla ta' kull trasport ikkonċernat, dment li l-post ma jkunx jista' jiġi identifikat permezz tal-informazzjoni skont il-punt (e);";

(iii) il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) il-ħin tat-tluq ta' kull trasport ikkonċernat, dment li l-ħin ma jkunx jista' jiġi identifikat permezz tal-informazzjoni skont il-punt (e).";

(e) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. Fejn is-sistema nazzjonali tal-PLF ta' Stat Membru tkun temporanjament indisponibbli, l-awtoritajiet kompetenti tal-EWRS tal-Istat Membru li ġabar id-*data* personali msemmija fil-paragrafi 1, 3 u 5 mill-operaturi tat-trasport, mill-passiġġier infettat jew mill-persuna esposta abbażi tal-liġi nazzjonali, jistgħu jittrażmettu din id-*data* permezz tal-pjattaforma ta' skambju għall-PLFs għall-finijiet ta' traċċar tal-kuntatti, matul il-perjodu ta' indisponibbiltà temporanja."

(3) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/253 huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt (7) jitħassar;

(2) il-punt 8 huwa emendat kif ġej:

(a) is-sentenza introduttorja tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"l-informazzjoni li ġejja għal kull taqsima tal-vjaġġ li għaliha l-Istat Membru jeħtieġ li timtela PLF:";

(b) is-subpunti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) il-post tat-tluq, dment li l-post ma jkunx jista' jiġi identifikat permezz tal-informazzjoni skont is-subpunt (f);

(b) il-post tal-wasla, dment li l-post ma jkunx jista' jiġi identifikat permezz tal-informazzjoni skont is-subpunt (f);";

(c) is-subpunt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) il-ħin tat-tluq, dment li l-ħin ma jkunx jista' jiġi identifikat permezz tal-informazzjoni skont is-subpunt (f);".